Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 29**

**Data:** Il-Ħamis, 30 ta' Ġunju 2024
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov - Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**29.1 Ittri ta' apoloġiji**

29.1.1 Il-President semma li s-Sur Charles Bonello, is-Sur Jesmond Aquilina u s-Sur Steven Axisa, Dr. Samuel Azzopardi u s-Sur Max Zammit talbu li jkunu skużati.

29.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti li jitniżżlu bħala skużati.

**29.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 28**

29.2.1 Il-President qara l-minuti u preżentahom hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

29.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**29.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 29**

29.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u H.E Clifford Galea Vella, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-30 t' April u t-30 ta' Mejju 2024 li kienet tammonta għal €64,699.13.

**29.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 28**

| | |
|---|---|
| **29.4.1 INDIS** | Il-President semma li ma kien hemm l-ebda avvanz fuq din il-materja. Semma li ser ikun qed iressaq anki każ quddiem il-Pulizija fuq żgombru. Dan qed jimpedixxi mill-Assoċjazzjoni tkun tista' tiffirma l-kuntratt għall-kirja mal-INDIS. |
| **29.4.2 Open Day – Gvern Lokali** | Il-President semma li kien hemm wisq affarjiet għaddejjin u li l-Assoċjazzjoni bl-istaff limitat tagħha ma setatx tipjana u torganizza din l-attivita' fi ftit ġimgħat. |
| **29.4.3 Attivita' 6 ta' Lulju** | Il-President semma li l-kwotazzjonijiet kienu qed jinġabru u l-attivita' kienet qed tiġi pjanata u kollox kien qed jiġi ffinalizat. |
| **29.4.4 Laqgħa mas-Segretarju Permanenti għall-Gvern Lokali** | Il-President semma li din il-laqgħa għadha ma mmaterjalizzatx. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **29.4.5 Talba għall-Laqgħa mal-President ta' Malta** | Il-President semma li kienet ser tintalab laqgħa mal-President ta' Malta bħala Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. |
| **29.4.6 Intervisti ta' Assistent Prinċipal fi skala 11** | Il-President semma li kienu ġew konklużi l-intervisti tal-post vakant fi skala 11 mal-Assoċjazzjoni. Il-President preżenta r-rapport tal-Board tal-Għażla. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li s-Sa. Justine Decelis tingħata l-opportunita' li titla' fi skala 11.<br>Il-Preisdent semma li fis-sitt xhur li ġejjin ser ikun flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv jagħmel review tal-performance tal-impjegati li ingħtaw l-opportunita' jitilgħu f' din l-iskala. |
| **29.4.7 Ftheim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li ser ikomplu d-diskussjonijiet nhar 26 ta' Ġunju 2024. |
| **29.4.8 Ukranine Summer Camp** | Il-President semma li għaddejjin taħdidiet mal-organizzatur mill-Kummissjoni Ewropea sabiex dan ikun jista' jiġi implimentat mill-Assoċjazzjoni. |

**29.5 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **29.5.1 ALDA Festival** | Il-President semma li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ipparteċipaw fil-Festival tal-ALDA ġewwa Barcellona. Semma li saru komunikazzjonijiet ma' rappreżentanti mill-Albanija sabiex potenzjalment l-Assoċjazzjoni tibda taġdidiet u proġetti magħhom.<br>Il-President semma wkoll li huwa, f' isem l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ssottometta l-interess tiegħu sabiex l-ALDA Festival 2025 issir ġewwa Malta. Din għandha tkun esperjenza u opportunita' sabiex diversi Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jattendu. |
| **29.5.2 Iffirmar ta' MoU – Public Works** | Il-President semma li għandu laqgħa mal-Onor. Omar Farrugia sabiex ikun jista' jkompli jiddiskuti l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim. |
| **29.5.3 CEMR** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni rrappreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tattendi għall-Leaders Summit organizzat mis-CEMR ġewwa Brussel kif ukoll għal-laqgħat organizzati mill-Platforma li ser ikunu qed isiru fl-istess ġimgħa ġewwa Brussel. |
| **29.5.4 Business Disability** | Il-President semma li s-Segretarju Eżekuttiv kien attenda għal |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **Forum** | din il-laqgħa kif ukoll ġie ffirmat l-MoU sabiex dan il-Kumitat ikompli jiltaqa'. |
| **29.5.5 EEA Funds** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni bagħtet korrispondenza formali lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex meta jiġu opportunitajiet ta' fondi bħalma huma l-EEA, l-ewwel naraw li l-Kunsill għandhom it-taħriġ, il-kompetenzi meħtieġa u kif ukoll is-sapport li huma għandhom bżonn speċjalment fir-rappurtaġġ li jrid isir wara li jitlesta l-proġett. |
| **29.5.6 CEMR Twining Project** | Il-President semma dan il-proġett kien ġie sottomess. |
| **29.5.7 ALL Digital Weeks** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ikkonkludiet l-attivitajiet kollha li kien hemm pjanati li jsiru. Semma wkoll li l-AKL ser tipparteċipa fl-attivita' finali organizzata mill-ALL Digital Network u li kienet ser tissottometti applikazzjoni għall-award għall-aqwa attivita' li saret. |
| **29.5.8 Civil Society Committee** | Il-President li kien reġa' innomina lis-Sur Anthony Chircop bħala sostiut tiegħu fuq dan il-Kumitat. |
| **29.5.9 Proġett tal-Parkeġġ fil-Binja tal-AKL** | Il-President semma l-pjanti issa kienu ffinalizati u kien ser jiba l-proċess mal-Awtorita' tal-Ippjanar kif ukoll mal-Indis. Il-President wera l-pjanti lill-Eżekuttiv u ġew diskussi u approvati. |
| **29.5.10 BBQs Reġjuni** | Il-President semma li kien ser jinxtara BBQ għall-Roof Garden sabiex anki jibda jintuża mis-Sindki u ħaddiema li jkunu jridu jiltaqgħu għal xi ikla żgħira bejniethom. Semma li sabiex nagħtu bidu għal dan kien ser jiġi organizzat BBQ għal kull Reġjun. Kien hemm qbil li jkunu mistiedna l-ħaddiema tar-Reġjun flimkien mas-Sindku u s-Segretarji Eżekuttivi. Id-dati huma; 11 ta' Lulju Reġjun Punent, 25 ta' Lulju Reġjun Tramuntana, 1 t' Awwissu Reġjun Lvant, 8 t' Awwissu Reġjun Port, 22 t' Awwissu Reġjun Nofsinhar, 29 t' Awwissu Reġjun Għawdex. Filwaqt li nhar 26 ta' Ġunju issir BBQ bejn l-Eżekuttiv u l-ħaddiema tal-AKL. |

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

| | |
|---|---|
| **29.5.11 Kwotazzjonijiet għal-xogħlijiet** | Il-Presidnet semma li ser ikunu qed jitkompla x-xogħol fuq wara tal-binja fejn ser jitwaħħlu l-bibien il-ġodda, sa l-aħħar ta' Ġunju ser ikun hemm l-għamara lesta tal-kċina u boardroom oħra kif ukoll ser jinġabru kwotazzjonijiet tal-akwarjum, siggijiet għal-Board Room tal-kamra ta' ġewwa, sufan għall-parti ta' wara tal-binja kif ukoll BBQ. |

**29.6 Aġġornament**

29.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 27 ta' Ġunju 2024 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.30 li nżammet nhar il-Ħamis, 27 ta' Ġunju 2024 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Mario Fava** | **Lianne Cassar** |
| **President** | **Segretarju Eżekuttiv** |